MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 262/2004

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**Vella Group Limited (C-22149)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Jannar, 2004, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm223.47), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' hsarat minnhom kagunati lil proprjeta` tal-istess socjeta` attrici waqt xogholijiet fi triq N. Isouard, Mosta, fl-14 ta' Novembru, 2001 skond invoice mibghut lilhom bin-numru 10154, kopja tieghu annessa mal-avviz u markata Dok.A ;**
**Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**

**Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra ufficjali, u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra r-risposta pprezentata fit-22 ta' Marzu, 2004, fejn intqal :**
**i. illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-esponenti ma kkawza l-ebda hsarat ;**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost jigi eccepit li l-esponenti qaghad mal-proceduri regolari u kienu r-rapprezentanti tas-socjeta` attrici li ma marrux fuq is-sit in kwistjoni ghalkemm huma kienu infurmati biex jaghmlu dan mill-esponenti (Dok.JV1 u JV2) ;**
**iii. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost jigi eccepit li kwalunkwe danni li setghu rrizultaw kienu kollha tort tas-socjeta` attrici ghax hija ma baghtitx rapprezentanti fuq is-sit u l-immarkar mill-istaff tekniku taghha sar hazin.**
**iv. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Ra l-verbal tat-22 ta' Marzu, 2005, li bih is-socjeta` konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni ai termini tal-Art.2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**Ra l-verbal tat-28 ta' April, 2005 li fih giet irtirata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' Victor Busuttil, John Mary Vella, Jimmy Vella, Clayton Vella. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda hlas ghal hsarat kagunati f'cables tas-socjeta` attrici fl-14 ta' Novembru, 2001, fi triq Isouard, Mosta.**
**2. Victor Busuttil, Senior Technical Officer mas-socjeta` attrici, jghid li d-dipartiment tieghu ma rcieva ebda applikazzjoni ghall-permess ta' thaffir f'dik it-triq f'dik id-data.**
**3. John Mary Vella, Direttur tas-socjeta` konvenuta, spjega li f'Novembru, 2001 kienu hadu tender biex jghaddu main ta' l-ilma bejn il-gibjun tan-Naxxar u dak**

**tal-Mosta. Jghid li applikaw biex jaghmlu x-xoghol u gabu l-permessi. Jghid li fit-triuq fejn grat il-hsara is-socjeta` attrici kienet immarkat hazin minn fejn ghaddej il-cable, u kien ghalhekk li dan intlaqat. Jghid li l-cable kien indikat li ghaddej ghad-dritt, minflok kien ghaddej angolat. Skond ix-xhud anke l-impjegati tas-socjeta` attrici meta marru fuq il-post u raw il-pjanti taghhom qalu li kien indikat li ghaddej ghad-dritt. Ix-xoghol kien qed isir bl-idejn, cioe mhux b'ingenji kbar.**

**4. Clayton Vella li jaghmel xoghol ta' trenching mas-socjeta` konvenuta, qal li l-cable li ntlaqat kien madwar hames mitt pied il-boghod minn fejn kien hemm il-marki li jindikaw li ghaddej.**

**5. Mill-provi it-Tribunal hu soddisfatt illi fil-fatt il-marki li saru mis-socjeta` attrici ma sarux korrettement, u kienet din il-kawza l-ghala intlaqat il-cable. Konsegwentement m'ghandhiex tigi ritenuta responsabbli ghad-danni s-socjeta` konvenuta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------